**FIL-BORD DWAR IL-KONTROLL TAL-KIRI TAR-RABA**

**MAGISTRAT DR JOSEPH APAP BOLOGNA BA. LL.D.**

**Illum, 26 ta' Mejju 1999**

**Rikors Nru: 29B/96**

**Giovanna Vella, Xebba; Francis, Joseph, Gaetana mart Angelo Farrugia, ilkoll ulied il-mejjet Carmelo Vella, Louis, Gaetano, Joseph, Carmen xebba, u Salvino, ilkoll ulied il-mejjet Joseph Vella**

**vs**

**Nazzareno u Anna konjugi Muscat**

Il-Bord,

Ra r-rikors in ezami li permezz tieghu ir-rikorrenti wara li ippremettew illi huma jikru lill-intimati l-ghalqa sitwata fi Triq Wied Ganu, limiti Zurrieq, versu l-qbiela ta' Lm2-50 fis-sena jithallas kull Santa Marija bil-quddiem, l-ahhar skadenza ghalqet fil-15 ta' Awissu 1996;

Illi l-esponenti ghandu htiega li jirriprendu lura fil-pussess taghhom l-imsemmija ghalqa ghall-htigijiet tar-rikorrenti Louis Vella;

Illi inoltre l-istess ghalqa ma hijiex fonti importanti ghall-ghixien tal-intimati; talbu lil dan il-Bord sabiex joghgbu jawtorizzahom jirriprendu pussess tal-ghalqa de quo u dan fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss lill-intimati ghall-finijiet tal-izgumbrament, salv il-likwidazzjoni u hlas tal-kumpens ghall-benefikati talvolta dovut lill-istess intimat. Bl-ispejjez.

Ra li l-intimati la dehru sabiex jikkontestaw it-talbiet in ezami, la ipprezentaw risposta bil-miktub sabiex jikkontestaw l-istess talbiet (ara il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Jannar 1997).

Ra ir-relazzjoni tal-Membri Teknici tal-istess Bord.

Ikkunsidra:

Illi kif di gja' gie premess, ma saret ebda kontestazzjoni da parti tal-intimati, debitament notifikati, in relazzjoni mat-talbiet tar-rikorrenti.

Illi, inoltre, jidher li ma hemm ebda kumpens dovut lill-istess intimati u dan kif sottomess fl-imsemmija relazzjoni.

Ghaldaqstant il-Bord, jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u 1) jawtorizza lir-rikorrenti sabiex jirriprendu pussess tal-ghalqa sitwata fi Triq Wied Ganu, limiti taz-Zurrieq, 2) jordna lill-intimati sabiex sal-15 ta' Awissu 1999 jizgumbraw mill-istess ghalqa u dan kollu minghajr ebda kumpens.

Bl-ispejjez kontra l-istess intimati.

Alan Calleja
Dep.Reg. Magistrat